**SKEMI GĦALL-VETTURI AĊĊESSIBBLI GĦAS-SIĠĠU TAR-ROTI**

***(Jekk jogħġbok ikteb b'ittri KAPITALI u uża inka blu)***

L-għan ta' dawn l-iskemi huwa li joffru aktar għajnuna lill-persuni b'diżabilità biex jixtru vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti, li tgħinhom jgħixu ħajja aktar indipendenti.

Jekk jogħġbok immarka (✓) l-iskema li qed tapplika għaliha:

| | |
|---|---|
| | **Skema 1: SUSSIDJU FUQ VETTURA DRIVE FROM WHEELCHAIR** |

| | |
|---|---|
| | **Skema 2: SUSSIDJU FUQ XIRI TA' VETTURA UŻATA (*SECOND-HAND*), MODIFIKATA U AĊĊESSIBBLI GĦAS-SIĠĠU TAR-ROTI** |

**TAQSIMA 1: DETTALJI PERSONALI TAL-APPLIKANT (IL-PERSUNA B'DIŻABILITÀ)**

*Id-dettalji f'din it-taqsima jridu jimtlew bilfors għaż-żewġ skemi.*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Isem** | | | **Kunjom** | |
| **Nru tal-Karta tal-Identità** | | | **Nru tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità** | |
| **Raġel** | | **Mara** | **Data tat-twelid** | |
| **Nru tat-telephone** | | | **Nru tal-mobile** | |
| **E-mail** | | | | |
| **Indirizz** | | | | |
| | | | | |
| **Lokalità** | | | **Kodiċi postali** | |

**TAQSIMA 2: INFORMAZZJONI ĠENERALI**

*Id-dettalji f'din it-taqsima jridu jimtlew bilfors għaż-żewġ skemi.*

<table>
<tr><td rowspan="2">Il-vettura hija rreġistrata</td><td></td><td>F'ismek stess</td></tr>
<tr><td></td><td>F'isem il-ġenitur/il-gwardjan/il-qarib</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="2">Prezz tax-xiri tal-vettura</td><td>€</td><td colspan="2">Data meta l-vettura ġiet irreġistrata f'ismek jew f'isem l-applikant</td><td>____/____/_____</td><td>Emissjonijiet tas-CO2 tal-vettura</td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="3">Jekk jogħġbok immarka (✓) fejn applikab-bli</td><td></td><td>Il-vettura nxtrat ġdida</td><td colspan="3" rowspan="3">Tip ta' Vettura<br>(Jekk jogħġbok indika waħda)</td><td colspan="2" rowspan="3">____ Vettura tal-elettriku<br>____ Vettura hybrid<br>____ Oħra<br>Jekk jogħġbok speċifika:<br>________________________</td></tr>
<tr><td></td><td>Il-vettura nxtrat secondhand (ma kinitx proprjetà ta' xi ħadd residenti Malta jew irreġistrata f'Malta)</td></tr>
<tr><td></td><td>Il-vettura kienet proprjetà ta' xi ħadd residenti Malta u rreġistrata f'Malta</td></tr>
<tr><td colspan="3" rowspan="2">L-applikant ibbenefika minn skema ta' eżenzjoni oħra fuq din il-vettura</td><td></td><td>Iva</td><td rowspan="2">Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' eżenzjoni li bbenefika minnha l-applikant</td><td colspan="2" rowspan="2"></td></tr>
<tr><td></td><td>Le</td></tr>
<tr><td colspan="4" rowspan="2">Il-vettura mixtrija diġà bbenefikat minn waħda minn dawn l-għotjiet fuq is-sid preċedenti</td><td></td><td colspan="3">Iva</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">Le</td></tr>
</table>

**TAQSIMA 3: DETTALJI TAL-ĠENITUR/GWARDJAN/QARIB LI QED JAPPLIKA F'ISEM L-APPLIKANT (IL-PERSUNA B'DIŻABILITÀ)**

*Din il-parti tapplika **BISS għal Skema 2.** Id-dettalji f'din it-taqsima għandhom jimtlew biss jekk il-vettura qed tiġi rreġistrata fuq il-ġenitur/il-gwardjan/il-qarib f'isem il-persuna b'diżabilità. Jekk jogħġbok ehmeż ukoll kopja tal-Karta tal-Identità tal-persuna, flimkien mal-Karta tal-Identità tal-persuna b'diżabilità.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem** | | **Kunjom** | |
| **Nru tal-Karta tal-Identità** | | **Relazzjoni mal-applikant** | |
| **Nru tat-telephone** | | **Nru tal-mobile** | |

| | |
|---|---|
| **E-mail** | |
| **Indirizz** | |

**TAQSIMA 4: DETTALJI ĠENERALI TAL-PAGAMENT**

*Id-dettalji f'din it-taqsima jridu jimtlew bilfors għaż-żewġ skemi.*

Jiena nawtorizza li l-pagament tal-għotja jsir kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Numru tal-IBAN** | |
| **BIC** | |
| **Isem tad-detentur tal-kont** | |

***Billi nippreżenta din l-informazzjoni, qed nawtorizza lil Aġenzija Sapport biex tħallas il-pagamenti tat-talba għar-rimborż permezz tal-metodu ta' kreditu dirett. Niddikjara wkoll li d-dettalji u l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni huma tajbin.***

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Firma tal-applikant** | | **Firma tal-ġenitur/gwardjan/qarib** ***(jekk applikabbli)*** | |
| **Data** | | | |

**TAQSIMA 5: DOKUMENTI LI GĦANDHOM JIĠU PPREŻENTATI MAL-FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI**

*Dawn id-dokumenti huma obbligatorji għaż-żewġ skemi. Jekk jogħġbok immarka (✓) d-dokumenti li qed tibgħat mal-applikazzjoni.*

| | |
|---|---|
| | Kopja tal-**Karta Ewropea tad-Diżabilità** |
| | Kopja tal-**Karta/i tal-Identità, flimkien mal-Karta tal-Identità tal-persuna b'diżabilità**, fejn applikabbli, kif indikat hawn fuq |
| | Kopja ta' **logbook aġġornat** għandha tingħata malli l-karozza tiġi rreġistrata ma' Transport Malta |

| | |
|---|---|
| | Dokumentazzjoni tat-trasferiment tal-vettura (**kopja tal-VEH 50/VEH 10 ta' Transport Malta** u/jew kopja tal-logbook f'isem is-sid preċedenti), fejn applikabbli. |
| | Riċevuta/i tal-pagament sħiħ u/jew prova tal-pagament. Fil-każ ta' pagament bi flus kontanti bejn il-partijiet, wieħed għandu jagħti l-ftehim tal-pagament mimli u ffirmat minn nutar. |

**TAQSIMA 5: GĦALL-UŻU TAL-UFFIĊĊJU BISS**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Id-dokumenti kollha ppreżentati | | | Skema 1 | JEW | | Skema 2 |
| Prezz tal-vettura: € _______________ x ______% = € _________________ | | | | | | | |

Approvat minn:

________________________________ ____________________________________

PAS Executive PAS Leader

---

**TAQSIMA 6.1: NOTI U KRITERJI TAL-ELIĠIBILITÀ**

*Dawn il-kriterji japplikaw kemm għal **Skema 1** kif ukoll għal **Skema 2**.*

- Dan huwa **sussidju ta' darba**. Dan ifisser li dawk il-vetturi li diġà bbenefikaw minn skemi bħal dawn, **mhux se jerġgħu jkunu eliġibbli**.
- **L-emissjonijiet tas-CO2 għandhom ikunu inqas minn 180g/km**. Hija r-responsabilità tal-applikant li jiċċekkja l-livell tal-emissjonijiet tal-vettura.
- Vetturi tal-elettriku jew hybrid se jiġu kkunsidrati wkoll għal dawn l-iskemi.
- L-applikazzjoni għal din l-iskema għandha timtela u tiġi ppreżentata flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, u għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard minn **tliet xhur mid-data tar-reġistrazzjoni**. L-applikazzjonijiet li jaslu wara dan il-perjodu ta' tliet xhur, se jitqiesu invalidi.
- Jekk l-applikazzjoni ma tkunx eliġibbli minħabba li kriterju wieħed jew aktar ma jkunux ġewx issodisfati, tali applikazzjoni tiġi **rrifjutata** immedjatament u l-applikant jiġi infurmat bil-miktub.
- Il-passi kollha meħtieġa (inkluża azzjoni legali) se jittieħdu sabiex jiġi żgurat li kull min jibbenefika minn waħda minn dawn l-iskemi abbażi ta' informazzjoni ħażina u/jew qarrieqa jirrimborża l-għajnuna kollha mogħtija, jew parti minnha, skont il-każ.

**TAQSIMA 6.2: NOTI & KRITERJI TAL-ELIĠIBILITÀ**
*Dawn il-kriterji japplikaw biss għal **Skema 1** flimkien mat-Taqsima 6.1.*

- Is-sussidju huwa ta' mhux aktar minn 20% fuq il-prezz tal-vettura mixtrija, li **m'għandux jaqbeż €60,000 esklużi l-ispejjeż kollha tat-taxxi u r-reġistrazzjoni.** Jekk vettura taqbeż il-prezz massimu ta' €60,000, issussidju ta' 20% xorta jiġi kkalkulat fuq il-massimu ta' €60,000.

- Il-vettura għandha tkun strettament għas-**sewqan mis-siġġu tar-roti**. Dan ifisser li l-vettura għandu jkollha rampa elettrika fuq wara fejn is-sewwieq tas-siġġu tar-roti jkun jista' jaċċessaha bis-siġġu tar-roti u jpoġġi lilu nnifsu quddiem ir-rota tal-isteering biex isuq il-vettura.

- Il-vettura tista' tinxtara ġdida jew second-hand.

- Il-vettura tista' tkun jew ma tkunx reġistrata f'Malta.

- Il-vettura għandha tkun irreġistrata **biss** f'Malta f'isem il-persuna b'diżabilità li qed issuq il-karozza.

**TAQSIMA 6.3: NOTI & KRITERJI TAL-ELIĠIBILITÀ**
*Dawn il-kriterji japplikaw biss għal **Skema 2** flimkien mat-Taqsima 6.1.*

- Is-sussidju huwa ta' mhux aktar minn 10% fuq il-prezz tal-vettura mixtrija li **m'għandux jaqbeż €25,000**. Jekk vettura taqbeż il-prezz massimu ta' €25,000, is-sussidju ta' 10% xorta jiġi kkalkulat fuq il-massimu ta' €25,000.

- Il-vettura għandha tiġi mmodifikata b'rampa aċċessibbli għas-siġġu tar-roti u/jew b'lift.

- Barra minn hekk, il-vettura għandha tinxtara **biss diġà użata (*second-hand*); tista' tkun il-proprjetà ta' xi ħadd residenti Malta** u **diġà rreġistrata f'Malta, jew mixtrija minn barra minn Malta**. Fil-każijiet meta l-persuna b'diżabilità tiġi nieqsa, il-werriet irid l-ewwel japplika għat-trasferiment tas-sid qabel ma jbigħ il-vettura lil persuna oħra b'diżabilità.

- Il-vettura tista' tiġi rreġistrata f'isem il-persuna b'diżabilità jew il-ġenitur/il-gwardjan/il-qarib li jgħix fl-istess dar. Kopja tal-Karti tal-Identità trid tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni fil-każ li l-vettura hija rreġistrata fuq il-ġenitur/il-gwardjan/il-qarib f'isem il-persuna b'diżabilità.

Dawn l-iskemi jipproċessaw id-data personali tiegħek f'konformità mal-**Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (2001).** Id-data mogħtija minnek se tiġi ttrattata bl-akbar kunfidenzjalità u tista' tinżamm minn Aġenzija Sapport jew tiġi trasferita lil partijiet terzi sabiex tkun tista' tingħata l-aqwa servizz jew xorta oħra kif meħtieġ bil-liġi. Id-data dwarek tista' tingħabar ukoll mill-partijiet terzi għal dawn l-iskopijiet.

______________________________ ________________________________________

**Data** **Firma tal-applikant/persuna f'isem l-applikant**